**KUNSILL LOKALI San Pawl il-Baħar**

*San Pawl il-Baħar Local Council*

*Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, SPB 3418 – Malta.*
*Tel: 21585888, 21585801, 21570869/70*
*Mobile: 99433058/9 Fax: 21583058*
*E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt*
*Web Site: www.stpaulsbay-online.com*

Minuti tat-Tmienja u Tletin (38) Laqgħa tas-Sitt (6) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li saret , Il-Ħamis 7 ta' April, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fis-5.35 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | Skuzat | |
| Kunsillier Alfred Grima | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Ray Tabone | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Alexander Bezzina | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Jason Camilleri | 5.35 p.m. | 7.30 p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | 5.40 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | Skużat | |
| Kunsillier Martin Zerafa | 5.40 p.m. | 8.15 p.m. |
| Kunsillier Ray Bartolo | 5.35 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seba' u Tletin (37) Laqgħa tal-Kunsill li saret fl-24 ta' Frar, 2011 b'Kontinwazjoni fit-2 ta' Marzu, 2011.**

Il-minuti tal-Laqgħa 37 li saret fl-24 ta' Frar 2011, u tal-Kontinwazjoni tal-istess Laqgħa li saret nhar it-2 ta' Marzu, 2011 ġew approvati unanimament u ffirmati wara li saret din il-korrezzjoni:

F'item 3.02 tal-Laqgħa tal-24 ta' Frar tinqata' l-aħħar sentanza minn "Il-Kunsill" sa "Generali".

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti ta' l-ewwel parti tal-Laqgħa Nru.37 tal-24 ta' Frar 2011.**

2.01 Dwar Item 8.00 – Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li nkitbet l-ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet biex il-Latrina Publika tingħata lura lil-Kunsill Lokali iżda dan id-Dipartiment kien għadu ma rrispondiex.

Dwar Item 9.00 – Il-Kunsilliera qablu li ż-żjara tal-President ta' Malta, Dr. George Abela, f'San Pawl il-Baħar kienet suċċess. Is-Sindku irringrazzjat lil dawk kollha li għenu f'din l-attivita', b'mod speċjali l-istaff tal-Kunsill.

2.03 Dwar Item 10.00 – Is-Sindku irringrazzjat lill-parteċipanti, kunsilliera, Segretarju Ezekuttiv u l-istaff tal-Kunsill li għenu fl-attivitajiet tal-Karnival u tal-Wignacourt Tower Festival. Din tal-aħħar kienet attivita' b'suċċess kbir u diversi Maltin u turisti attendew għal din l-attivita'.

**2.00A Punti li joħorġu mill-Minuti tal-kontinwazjoni tal-Laqgħa Nru: 37 li saret fl-14 ta' April, 2011.**

2.01A Dwar Item 1.01(ċ) – Il-Kunsillier u Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, is-Sur Ray Bartolo, qal li l-welcome boards ta' Burmarrad kienu ser jiġu sponsorjati mill-APS Bank.

2.02A Dwar Item 2.04 – Il-Kunsillier Alfred Grima qal li jixtieq jagħmilha ċara li huwa wkoll ma kienx jaqbel li l-pubbliku għandu jħallas biex jagħmel użu minn latrini publiċi.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet**

3.01 Ġiet ippreżentata lista ta' 37 item ta' korrispondenza u komunikazzjonijiet. Ma' dawn żdiedet oħra mingħand l-MTA dwar pagamenti lill-Periti tal-Kunsill għal xogħol fuq il-proġett ta' Triq San Gilardu. Id-deċiżjonijiet dwar il-korrispondenza u komunikazzjoni huma fil-lista annessa.

3.02 Dwar item tal-Korrispondenza no.1 il-Kunsill qabel li jikkumpensa lill-iScouts Group talli qed jospitaw lill-anzjani fil-post tagħhom billi jħallas 3/5 tal-kontijiet tal-kera u 4/5 tal-kontijiet tal-elettriku u ilma.

3.03 Dwar item tal-Korrispondenza no.10 ġiet ippreżentata d-deċiżjoni tal-Board tal-Appell tal-Mepa fejn l-appell tal-Kunsill kontra l-ħruġ tal-permess biex tinbena flower kjosk fi pjazza ta' Bugibba ma ġiex milquħ. Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea nfurmat lill-Kunsill li hija kellha komunikazjoni mingħand il-Ministru George Pullicino (MRRA) fejn dan wera x-xewqa li fil-Pjazza ta' Bugibba issir funtana. Kien hemm opinjonijiet diversi bejn il-Kunsilliera dwar dan u saret votazjoni dwar jekk il-Kunsill għandux jikteb lill-Ministru Pullicino biex dan jiġi nfurmat li għalkemm il-Kunsill kien jaqbel mal-idea li ssir funtana, l-Ministru għandu jkun infurmat bil-pożizzjoni preżenti fejn id-Dipartiment tal-Artijiet kien kommess għax kien ta koncessjoni tal-art f'nofs il pjazza ta' Bugibba lil-terzi biex tinbena flower kjosk u għalhekk il-Ministru kellu jagħmel arranġamenti mad-Dipartiment tal-Artijiet biex din il-konċessjoni tiġi rtirata u minflok issir funtana. Saret votazjoni li għaddiet b'ħames voti favur (GG, FG, MZ,RB u MC), tlieta

kontra (JC, AG,u RT) u wieħed astjena (AB). Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jikteb lil-Ministru Pullicino f'dan is-sens.

3.04 Dwar item tal-korrispondenza no: 20 fejn is-Sur Evgueni Bodishtinau tar-Russian Boarding School għamel proposta ta' ġemellaġ ma' Feodosiya, sar qbil li tiġi esplorata din il-possibilita' billi jsiru diskussjonijiet mas-Sindku ta' Feodosiya meta dan iżur Malta.

3.05 Dwar item tal-korrispondenza no: 24 fejn l-avukat tal-Kunsill, Dr. John Bonello kien tal-parir li l-Kunsill jħallas iċ-ċens dovut fuq il-parkeġġ tal-Blue Waters u tintbagħat ittra uffiċjali lill- kumpanija responsabbli fejn din tiġi nfurmata li naqset mil-obligi tagħha lejn il-Kunsill skont il-kuntratt u jinbdew proċeduri legali jekk dawn l-obligi ma jiġux onorati.

3.06 Dwar item tal-korrispondenza no: 30 mis-Sur Arthur Gusman ta' Miracle Foods Ltd. ġie deċiż li tingħata koncessjoni ta' darba lill dawk kollha li ma' kienux ħalsu kontijiet ta' reklamar fit-toroq (fuq U-Bends) u/jew kellhom pendenzi ta' ħlasijiet oħra simili bħal skips u bins-on wheels, billi jintalab il-ħlas bl-lura mill-2010 biss. Jekk jkun hemm min ħallas regolari u jitlob kumpens, dan għandu jingħata konċessjoni billi ma jħallasx għal xi snin futuri bħala rimedju biex issir ġustizzja ma' min kien regolari fil-ħlas tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv ġie ordnat li jaqla' u jissekwestra tabelli u skips li jitpoġġew f'postijiet publiċi mingħajr permess tal-Kunsill, wara li l-Kunsill ikun informa, fejn hu possibli, lill-kumpanija li tkun poġġiet tali tabelli/skips.

3.07 Dwar kommunikazjoni minghand l-MTA dwar ħlas lill-periti tal-proġett ta' Triq San Gilardu, fejn dawn talbu li l-Kunsill iħallas lil periti ta' DTR u l-MTA tirrimborża l-istess ammont lill-Kunsill, il-Kunsill approva din il-proposta bil-kundizjoni li l-MTA jiċċertifikaw il-kontijiet huma u li l-MTA tgħaddi il-flus dovuti lil Kunsill qabel il-Kunsill iħallas lill-periti.

**4.00 Aġġornament tal-Laqgħa.**

Billi fit-8.30p.m. kien skada l-ħin permess mill-liġi, il-Kunsill aġġorna l-Laqgħa tal-Kunsill għal nhar il-Ħamis, 14 ta' April, 2011 fil-5.30p.m. għat-tkomplija tal-agenda.

Sindku: Perit Graziella Galea

Segretarju Eżekuttiv: John J. Camilleri